TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/290/12/S

Antonia u Domenic Micallef
Vs
GasanZammit Motors Limited

Illum 21 ta'Marzu,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Antonia u Domenic Micallef ipprezentata fil-15 ta'Novembru,2012 u r-risposta tas-socjeta GasanZammit Motors Limited ipprezentata fit-8 ta'Frar,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fl-1 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'numberplate' li skont ir-rikorrent, ma kienx imwahhal sew u bl-ilmijiet inqala' u li ġew jidhru t-toqob ta' fuq il-'bumper';

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-problema inqalghet meta r-rikorrent iddecieda li jbiddel in-'numberplate' minn wiehed tawwali ghal wiehed izghar u iktar kwadru;

Illi din kienet ghazla tar-rikorrent wara li kien inqalalu n-'numberplate' bl-ilmijiet waqt maltempata;

Illi r-rikorrent qatt ma talab li n-'numberplate' tieghu ikun wiehed zghir biex joqghod fil-post li hemm fuq quddiem tal-vettura tieghu;

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Illi min-naha l-ohra, dan it-Tribunal ihoss li la jkun hemm iktar minn possibilita wahda, il-konsumatur ghandu jigi mistoqsi liema opzjoni jippreferi u jinghata c-cans tal-ghazla;

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent hi' wahda esagerata u ma tistax tintlaqa' fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte it-talba ta' Antonia u Domenic Micallef u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta GasanZammit Motors Limited, Jordna lis-socjeta GasanZammit Motors Limited thallas lil Antonia u Domenic Micallef is-somma ta' €25 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888